MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-7 ta' April, 2005

Rikors Numru. 1120/1997/1

Anthony Cassar u b'digriet tal-31 ta' Mejju 2002 l-atti gew trasfuzi f'isem Helen Cassar f'isimha propju kif ukoll bhala legittima rapprezentanti ta' l-ulied minuri Emma u Mark ahwa Cassar
vs
Air Malta Company Limited

Illum 7 ta' April 2005

It-Tribunal

**RIKORS:**
Ra r-rikors pprezentat fl-1 ta' Dicembru 1997 fejn wara li r-rikorrent ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz matul l-1993 u sussegwentement ir-rikorrent sofra ngustizzja billi gie michud minn promozzjoni li kienet tisthoqqlu.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor is-segwenti:-

1. Ir-rikorrent beda jahdem mas-socjeta` intimata bhala "pilot trainee" fil-1983. Fl-1986 huwa gie mahtur "First Officer" akkumula esperjenza li ssarraf 'l fuq minn tmint elef "flying hours". Tul l-1989 huwa gie accettat biex itir ma' kumpaniji esteri, u bhala fatt ghandu esperjenza ta' titjir fl-Isvezja u fit-Turkija. Fi hdan is-socjeta` intimata, ir-rikorrent wettaq id-dmirijiet tieghu b'mod li huwa ezemplifikat bid-dokumenti hawn annessi markati A, B u C. Jirrizulta fost hwejjeg ohra li r-rikorrent kien maghzul biex itajjar ajruplani li s-socjeta` intimata kienet ghadha kif bieghet lil Air New Zealand. Ir-rikorrent qatt ma kellu rapport negattiv kwalsiasi.

2. Illi f'Ottubru ta' l-1993 ir-rikorrent qaghad ghal 'evaluation for command', cioe` l-ezercizzju ghall-hatra bhala Kaptan. F'dan l-ezercizzju r-rikorrent ma giex mahtur Kaptan, fil-waqt illi persuni li fost hwejjeg ohra kienu jippossedu esperjenza ta' "flying hours" inferjuri ghal dik li kellu l-istess rikorrent effettivament intaghazlu. Sussegwentement irrizulta li r-rikorrent ghalkemm huwa wiehed minn grupp ta' "pilots" li l-aktar ghandhom "seniority" fi hdan il-kumpanija oltre l-abilita' u l-esperjenza taghhom, kien gie maqbuz fl-ghazla ghal Kaptan kif fil-fatt kompla jinqabez indebitament u minghajr ebda raguni valida.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom.

Ghalhekk ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi deciz illi r-rikorrent fl-1993 kien eligibbli li jinhatar Kaptan u ghalhekk skond il-proceduri applikabbli ghandu jkollu l-opportunita' li jigi promoss il-grad, b'effett minn dik id-data li joghgbu jistabilixxi t-Tribunal li tkun id-data li fiha jigi deciz illi r-rikorrent kien effettivament eligibbli ghal tali promozzjoni, jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens xieraq lir-rikorrent f'ammont li ma jeccedix il-hamest elef Liri maltin.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tas-socjeta` intimata fejn wiegbet illi:

Illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda ghar-ragunijiet segwenti:

a) Illi r-rikorrent ma giex promoss ghal grad ta' Kaptan stante li ma kellux rizultati performance tajbin bizzejjed ghal tali grad.

b) Illi dan jirrizulta mis-segwenti:

i) Illi l-kummenti finali tal-JAT pilot school ma kienux tajba hafna.

ii) Illi r-rikorrent thabat sabiex ghadda mill-course ta' Jet transition.

iii) Illi r-rikorrent thabat biex igib li standard necessarju sabiex ikun eligibbli ghal grad ta' First Officer.

iv) Illi r-rikorrent ma ghaddiex mill-ezamijiet tal-CAA APTL darbtejn nonostante li ntbaghat mill-intimat, a spejjez taghha, l-Ingilterra biex jerga jaghmel resit.

c) Illi fl-1993 u fl-1996 ir-rikorrent ma ghaddiex mill-command evalutaion allavolja l-ezaminaturi kienu differenti u ghalhekk ma jista' jigi implikat ebda pregudizzju fil-konfront tieghu mill-ezaminaturi.

d) Illi l-esperjenza li ha r-rikorrent mal-kumpanija ta' l-ajru ohra kienet grazzi ghall-intimat u kienet intiza sabiex ir-rikorrent itejjeb il-kapacita` tieghu u jsir aktar indipendenti, self-confident u assertiv f'xogholu.

e) Illi kien ir-rikorrent li naqas li jiehu vantagg mill-possibbiltajiet offruti lilu mill-intimat.

f) Illi d-dokumenti esebiti ma jindikaw ebda prova tal-kapacitajiet tieghi izda huma ittri rutini ta' ringrazzjament

g) Illi promozzjoni ta' Kaptan, stante li jidhlu fiha l-hajja tan-nies, ma hix bazata fuq seniority izda fuq kemm wiehed hu kapaci li jiehu kontroll tas-sitwazzjoni fuq ajruplan, haga li r-rikorrent ma jippossjedix.

Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda.

Ra l-lista tax-xhieda ta’ l-intimat.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Ra’ l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ra d-digriet tieghu tal-31 ta’ Mejju 2002 fejn awtorizza t-trasfuzjoni tal-gudizzju f’isem mart ir-rikorrent Helen u uliedha wara l-mewt tar-rikorrent fil-mori ta’ din il-kawza fil-21 ta’ Novembru 2001.

Ikkunsidra
F’din il-kawza r-rikorrent qieghed jilmenta illi minkejja li huwa akkumula mal-14 –il sena esperjenza bhala ‘First Officer’ bit-8,000 flying hours huwa xorta ma ntaghzilx biex isir kaptan wara li saru promozzjonijiet fl-1993.

Irrizulta mill-provi illi r-rikorrent beda jahdem mas-socjeta` intimata bhala ‘pilot trainee’ fl-1983 u f’Settembru 1986 ikkwalifika ghal ‘First Officer’ u baqa’ hekk tul il-karriera tieghu minkejja illi akkumula flying hours bizzejjed kif ukoll esperjenza biex jigi appuntat Kaptan. Ir-rikorrent jghid (fol 24) illi f’erbatax –il sena bhala ‘First Officer’ qatt ma kellu incident. Madankollu l-esperjenza u l-anzjanita giet skartata meta saru l-promozzjonijiet ghal Kaptani. Jirrikonoxxi illi huwa qaghad ghal diversi ezamijiet izda m’ghaddiex anqas mir-resit, ghad illi meta attenda l-GAT school huwa ghadda minkejja illi ghal dik l-iskola l-pass mark hija 80%. Spjega kif mar l-Amerika ghas-spejjez tieghu biex gab il-FAA li hija certifikat ta’ kompetenza

moghtija mill-Federazzjoni ta' l-Avjazzjoni l-Amerika. Jirikonoxxi illi meta mar l-Ingilterra biex igib ic-certifikat CAA ma ghaddiex. Jghid li d-differenza bejn iz-zewg certifikati hija fil-waqt li c-certifikat Amerikan jenfazizza l-prattika tat-titjir dak Ingliz it-tejorija. Rigward l-ezami ghal "Command Valuation" ir-rikorrent jghid illi huwa ghamel saghtejn 'flight simulator' izda gie nfurmat li m'ghaddiex. Ir-rikorrent jidhirlu li dan ma kellux ikun ta' ostakli peress illi kien hemm piloti ohra li ukoll ma gabux rizultati tajbin, pero gew promossi Kaptani.

Kontra din ix-xhieda hemm dik prodotta mis-socjeta intimata principalement dik prodotta mill-Kaptan Sturmier li kien 'Head Group in flights operations'. Dan xehed illi r-rapporti kollha tal-piloti kemm negattivi u kemm pozittivi jaslu fl-ufficju tieghu. Jaf bil-kaz odjern u meta r-rikorrent gie lura mit-tahrig mill-Jugoslavja minkejja li ma kellux rapporti inkoragganti Sturmier kien iddecieda illi jtih tahrig addizjonali "to make him a suitable candidate for flight training…" Minkejja dan, il-korrispondenza illi rcieva mill-esteru kienu fis-sens illi jekk ir-rikorrent jinghata tahrig addizjonali xorta "… he will never be command capable. Meaning he will never be Captain…" Il-Kaptar Sturmier jghid illi s-socjeta intimata tat opportunita lir-rikorrent sabiex joqghod ghall-ezamijiet pero kien kull darba jehel u joqghod ghal re-sit. Ikkonkluda ghal dak li jirrigwarda l-kapacita tar-rikorrent: "generally one could say Anthony performs his duties as a First Officer just to the required standard." Il-Kaptan Sturmier ta' dettalji ta' tahrig li r-rikorrent ircieva mas-socjeta intimata, tahrig li mhux dejjem sarraf f'success ghar-rikorrent anzi kienet fuq insistenza tal-Kaptan Sturmier illi lir-rikorrent wasal fejn wasal ghax kif qal "just to the required standard."

Il-valutazzjoni tal-Kaptan Sturmier huma kondividi mill-Kaptan Robert Risso (fol 57) u l-Kaptan Norman D'Amato (fol 67). Il-Kaptan Risso qal illi ghal dak li jirrigwarda certifikati u licenzji, l-Air Malta tirikonoxxi biss s-CAA tal-Avjazzjoni Ingliza u jghid ".. mill-bidu tal-karriera tieghu huwa (Anthony Cassar) kellu problemi fir-rigward ta' kompetenza." Il-Kaptan D'Amato jghid "… meta jinqalghu dawn l-instant decisions… ma kienx wera dik ic-certa

konfidenza li jagixxi instantanjament." Jikkonkludi illi r-rikorrent kellu "problemi fl-analytic perception jigifieri meta tigi biex tanalizza certi problemi kien isib certa diffikultajiet." It-Tribunal jinnota pero li ma kienx kollox negattiv fil-karriera tieghu peress illi wara titjira partikolarment impenjanta il-Kaptan Sturmier hass li kellu jikteb lir-rikorrent fit-22 ta' Dicembru 1994 biex jifrahlu ghas-success illi huwa ghamel minn din it-titjira (fol 7).

Ikkunsidra

Illi hija x-xewqa tat-Tribunal illi r-rikorrent jibqa' mfakkar ghal elementi pozittivi illi huwa kellu bhal ma jirrifletti ahjar fic-certifikat fuq msemmi a fol 7, pero ghal fini ta' din il-kawza ikollu bilfors jiehu decizjoni illi tmur kontra dak illi talab ir-rikorrent fir-rikors promotur. It-Tribunal ma jistax jinjora x-xhieda tal-Kaptan Sturmier u t-Training Captains Risso u D'Amato li huma kolloborati mid-diversi dokumenti illi gew esebiti fl-atti, minn fejn jidher illi r-rikorrent ma tantx ghamel success f'dak li jirrigwarda 'training element' tieghu. Veru illi huwa wasal biex okkupa l-kariga ta' 'First Officer' li fiha nnifisha hija kariga prestigjuza u importanti fil-qasam tal-Avjazzjoni Civili. Hija l-ahhar pass qabel dak finali ta' Kaptan pero bejniethom irid ikun hemm qabza kbira ta' kwalita li tista' tissarraf f'hajja jew mewt f'kaz ta' emergenza. It-Tribunal mhuwiex qed jghid illi f'dan il-kaz ir-rikorrent kien sejjer ifalli, pero, minn dak illi kien qed jidher f'dak l-istadju, u mehud in konsiderazzjoni l-problemi analitici illi kellu r-rikorrent, wiehed ma kiex sejjer jiehu riskju.

Ghalhekk it-Tribunal jaqbel mad-decizjoni tas-socjeta intimata illi ma taghtix promozzjonijiet jekk ma tkunx certa mill-kapacitajiet teknici u evalwattivi tal-kandidat. Fil-kaz tar-rikorrent, dan ta' l-ahhar jista' jkun mess in dubju. Barra minn hekk, kienet il-policy tas-socjeta intimata li l-Kaptani kollha jridu jkunu certifikati bil-licenzja CAA Ingliza haga li r-rikorrent repetutament ipprova jottjeni izda ma rnexxielux. Mhijiex skuza illi ottjena l-licenzja jew certifikat Amerikana peress ghal xi raguni jew ohra, li t-Tribunal mhuwiex sejjer jidhol fihom, is-socjeta intimata tirikonoxxi biss ic-certifikat Ingliz. Evedentament dan huwa aktar

onoruz mic-certifikat Amerikan fejn allura l-livell ta' kompetenza ta' min jottjeni tali certifikat huwa oghla. Bir-ragun l-Air Malta tinsisti illi fis-siggu tal-Kaptan ghandhom jitpoggew l-ahjar elementi possibli. F'dan il-kaz, u fl-istadju li kien wasal ir-rikorrent qabel ma sfortunatament miet f'eta zghira, ma kienx jikkwalifika ghal tali siggu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrent. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------